MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.

## CHARMAINE GALEA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 257/2012

**Prof. Kenneth Wain fil-kapacita tieghu bhala l-Kummissarju ghal Organizzazzjonijiet Volontarji**

**Vs**

**Dr Omar Caruana detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0440178M u Josef Grech detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 0267081M in rapprezentaza tal-Ghaqda Muzikali Santu Wistin (VO/0027)**

It-Tribunal,

Ra r-Rikorsipprezentat mill-Prof. Kenneth Wain fil-kapacita` tieghu bhala l-Kummissarju ghal Organizzazjonijiet Volontarji permezz ta' liema talab lil dan it-Tribunal jordna t-thassir ta' l-iskrizzjoni tal-Ghaqda Muzikali intimata bil-hrug ta' Ordni ta' Thassir ai termini tal-artikolu 19 tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-organizzazzjoni konvenuta qieghdha tonqos milli tosserva d-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), A.L. 73 tal-2012.

Ra illi l-intimati *nomine*, debitament notifikati, ma pprezentaw l-ebda risposta;

Sema' ix-xhieda ta' Sebastian Micallef fis-seduti tas-7 ta' Mejju 2014 u tat-22 ta' Lulju 2014;

Ra l-atti l-ohra kollha;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent agixxa bir-rikors odjern kontra l-intimati *nomine* sabiex dan it-Tribunal jordna t-thassir tal-iskrizzjoni tal-istess Ghaqda Muzikali Santu Wistin bhala organizzazzjoni volontarja stante li naqset milli tissottometti kopji tal-kontijiet annwali u r-rapporti annwali ghas-snin 2008, 2009, 2010 u 2011, liema nuqqas jammonta ghal ksur tal-obbligazzjonijiet taghha taht l-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji.

Illi, wara li dan it-Tribunal sema' bil-gurament lil Sebastian Micallef, l-ufficjal inkarigat mill-*enrollment* tal-organizzazzjonijiet volontarji u l-*monitoring* taghhom, iqis li r-rikorrent ghandu ragun fit-talbiet tieghu u kwindi se jghaddi biex jilqa' t-talba tal-istess rikorrenti kif dedotta.

**DECIDE**

Illi, ghar-ragunijiet fuq moghtija, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi illi peress li t-talba tal-Prof. Kenneth Wain fil-kapacita tieghu bhala l-Kummissarju ghal Organizzazjonijiet Volontarji hija gustifikata, it-Tribunal ghalhekk qieghed jilqaghha u jordna t-thassir ta' l-iskrizzjoni tal-Ghaqda Muzikali Santu Wistin (VO/0027) bil-hrug ta' Ordni ta' Thassir ai termini tal-artikolu 19 tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-Ghaqda Muzikali Santu Wistin naqset milli tosserva d-disposizzjonijiet tal-Att Dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji, Kapitolu 492 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolamenti tal-2012 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (Prospetti Annwali u Kontijiet Annwali), A.L. 73 tal-2012.

Bl-ispejjez kontra l-intimati *nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------